# IT-TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

## Ġudikatur
**AVV. JULIANA SCERRI FERRANTE**

## Seduta tat-Tlieta, 8 ta' Frar 2022

## Talba numru 210/2021SFJ

***DELOITTE AUDIT LIMITED (C51312)***
***VS.***
***HORUS EUROPE HOLDINGS LIMITED (C72203)***

**It-Tribunal:**

Ra l-Avviż tat-Talba ippreżentat fil-21 ta' Lulju 2021 li permezz tiegħu s-soċjetà attriċi esponiet u talbet:

"*Illi s-soċjetà konvenuta hija debitriċi ta' dik attriċi fl-ammont komplessiv ta' elfejn, mitejn u wieħed u sebgħin Ewro u ħamsin ċenteżmu (€2,271.50) rappreżentanti prezz ta' servizzi reżi mis-soċjetà attriċi lil dik konvenuta fuq ordni tas-soċjetà konvenuta stess.*

*Illi minkejja li s-soċjetà konvenuta ġiet interpellata sabiex tħallas, hija baqgħet inadempjenti u għalhekk kellhom jiġu ntavolati l-proċeduri odjerni.*

*Għaldaqstant, għar-raġunijiet premessi, is-soċjetà attriċi titlob illi dan l-Onorabbli Tribunal:*

1. *Jiddikjara li s-soċjetà konvenuta hija debitriċi ta' dik attriċi fl-ammont ta' elfejn, mitejn u wieħed u sebgħin Ewro u ħamsin ċenteżmu (€2,271.50); u*

2. *Jillikwida l-ammont ta' elfejn, mitejn u wieħed u sebgħin Ewro u ħamsin ċenteżmu (€2,271.50) jew somma verjuri li għandha tiġi ddikjarata minn dan l-Onorabbli Tribunal, jekk hemm bżonn, bl-opra ta' periti nominandi; u*

3. *Jordna u jikkundanna lis-soċjetà konvenuta sabiex tħallas lil dik attriċi dik is-somma hekk illikwidata.*

*Bl-imgħax skont l-Artikolu 26Ċ tal-Kodiċi tal-Kummerċ u bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-mandat ta' sekwestru ntavolat kontestwalment mal-preżenti, kontra s-soċjetà konvenuta li minn issa stess hija nġunta għas-subizzjoni tagħha.*"

Ra li wara li saru diversi tentattivi għan-notifika, ġiet awtorizzata l-proċedura tal-affissjoni u tal-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern u gazzetti lokali;

Ra li s-soċjetà konvenuta ma ppreżentatx Risposta u lanqas ma kienet rappreżentata fis-seduti miżmuma

Ra d-dokumentazzjoni ppreżentata, sema' ix-xhieda u ra li l-kawża tħalliet għas-sentenza għat-8 ta' Frar 2022.

**Provi mressqa u konsiderazzjonijiet tat-Tribunal**

It-Tribunal ra li fl-udjenza tat-18 ta' Jannar 2022 xehed taħt ġurament Michael Bianchi, rappreżentant tas-soċjetà attriċi, li spjega hekk:

- Illi b'referenza għad-dokument MB1 ippreżentat minnu, is-soċjetà konvenuta kellha tħallas lis-soċjetà attriċi l-ammont ta' €1,750 (immarkat "*For the statutory audit of the financial statements of Horus Europe Holdings Limited in respect of the year ending 31 December 2016*"); u

- Illi b'referenza għall-istess dokument, is-soċjetà konvenuta kellha tħallas lis-soċjetà attriċi l-ammont ta' €175.00 rappreżentanti parti mill-ammont ikbar ta'€350.00 (immarkat "*Disbursements including printing, stationery, and miscellaneous costs*").

- Illi għalhekk, is-soċjetà konvenuta kellha tħallas lil dik attriċi s-somma ta' €1,925. Meta tiżdied it-taxxa fuq il-valur miżjud, jirriżulta li trid tiżdied is-somma ta' €346.50.

- Illi konsegwentement, €1,925 + €346.50 = **€2,271.50**.

Oltre li l-kalkoli relattivi jagħmlu sens matematiku, it-Tribunal m'għandu ebda raġuni sabiex jiddubita lil Michael Bianchi.

Huwa evidenti li s-soċjetà konvenuta hija kontumaċi stante li la ppreżentat Risposta jew sottomissjoni oħra u lanqas qatt bagħtet rappreżentant tagħha għal xi seduta.

It-Tribunal josserva li l-kontumaċja waħedha ma titqiesx bħala ammissjoni tat-talba tal-attur da parti tal-konvenut iżda kontestazzjoni tal-istess. Għalkemm il-konvenut jibqa' kontumaċi, dan ma jfissirx li huwa abbanduna kull eċċezzjoni li seta' jagħmel fil-kawża u ammetta d-domandi. Il-ġudikant għandu jeżamina jekk it-talba hijiex ġustifikata independentement mill-kontumaċja tal-konvenut (ara ***Fenici Insurance Agency Limited noe vs. Paul Stoner et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell [Inferjuri] fit-22 ta' Novembru 2002). Il-prova bil-kapitolu għandha tiġi evalwata u meqjusa flimkien ma' kull prova li tkun prodotta.

L-istitut tal-kontumaċja hu intiż biss sabiex irażżan l-atteġġjament tal-kontumaċja u disprezz da parti ta' min ġie ċitat biex jersaq quddiem il-qorti (ara ***Kummissarju tal-Artijiet vs. John Curmi*** deċiża mill-Prim' Awla fil-31 ta' Jannar 2003).

*Siccome* għalhekk il-kontumaċja mhix ammissjoni iżda oppożizzjoni, xorta waħda l-attur irid jipprova l-allegazzjoni minnu vantata sabiex tirnexxi l-azzjoni tiegħu (ara ***Carmel Schembri vs. Dorianne Zerafa*** deċiża mill-Prim' Awla fit-12 ta' Lulju 2001).

Wara li ra d-dokumentazzjoni relattiva u lil Michael Bianchi jixhed, it-Tribunal ma jsibx diffikultà jikkonkludi li s-soċjetà attriċi timmerita li tieħu l-ammont reklamat skont l-Avviż tat-Talba.

**<u>Deċide</u>**

Għaldaqstant, it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi din l-azzjoni billi jiddikjara li s-soċjetà konvenuta hija debitriċi tas-soċjetà attriċi fl-ammont ta' elfejn, mitejn u wieħed u sebgħin Ewro u ħamsin ċenteżmu (€2,271.50) u jordna li din is-somma għandha titħallas mis-soċjetà konvenuta lis-soċjetà attriċi minnufih.

Peress li s-soċjetà attriċi invokat l-Artikolu 26Ċ tal-Kodiċi Kummerċjali sakemm u safejn l-imgħax huwa kkonċernat, it-Tribunal, għal finijiet ta' ċarezza u għall-finjiet tal-Artikolu 26Ċ(5) tal-Kodiċi Kummerċjali, jiddikjara li *siccome* l-*invoice* ippreżentata minn Michael Bianchi fl-udjenza tat-18 ta' Jannar 2022 hija datata **30 ta' Ġunju 2021**, ir-rata ta' referenza applikabbli hija dik ir-rata ta' referenza li kienet *in vigore* fl-1 ta' Jannar 2021. Għalhekk, is-soċjetà attriċi għandha l-jedd biss li titlob l-imgħax kemm-il darba dan ikun ikkalkulat skont dik ir-rata. L-imgħax għandu jiddekorri mid-data tal-*invoice*, jiġifieri mit-30 ta' Ġunju 2021, sad-data tal-pagament effettiv.

It-Tribunal jiċħad dik il-parti tal-Avviż tat-Talba li permezz tagħha ntalbu l-ispejjeż ta' mandat ta' sekwestru ppreżentat kontestwalment, u dan għar-raġuni li ma ġiet ippreżentata ebda prova tal-eżistenza tiegħu.

L-ispejjeż tal-kawża jitħallsu mis-soċjetà konvenuta.

**Avv. Juliana Scerri Ferrante**
**B.A., L.P., Mag. Iur. (Int. Law), LL.D.**
**Ġudikatur**